MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2010

Numru 220/1999

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT ALEXANDRA MAMO**

**KONTRA**

**ALEXANDER CHIRCOP ta' 62 sena, iben Saviour u Carmen nee' Sky, imwieled l-Isla nhar is-27 ta' Frar, 1948, residenti fil-fond B7, Remo Flats, Sir Temi Zammit Street, Tarxien, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 256048M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra 'l hawn fuq imsemmi **ALEXANDER CHIRCOP** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet, jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamel falsifikazzjoni tal-firma ta' Antoinette Chircop fuq kambjali u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza u dan bi ksur ta' l-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli ffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe' falsifikazzjoni fil-firma ta' Antoinette Chircop u persuni ohra fuq kambjali, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbilliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli ghamel uzu mill-istess karti msemmija u dan bi ksur ta' l-Artikolu 167 u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm10,000.00 ghad-dannu ta' Casa Completa, u persuni ohra bi ksur ta' l-Artikoli 308 u 310(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (folio 9);

Rat illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri u li wiegeb illi ma kienx hati ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti anke minhabba kif zvolgiet din il-kawza aktar tard, fl-ewwel lok ser taghmel ampja referenza ghall-istqarrija ta’ Alexander Chircop. Fl-istess huwa qal illi l-firma tal-mara tieghu li kienet tidher fuq il-kambjali li ffirma a favur Sebastian Duca ta’ Casa Completa, kien fil-fatt ghamilha hu. Fiehem illi kien separat minn ma’ martu u minhabba l-fatt li Duca ried jaghtieh xi xoghol kontra kambjali, ‘…ghamilt dak l-isem biex ikompli jaghtini x-xoghol li kelli bzonn’. (folio 23).

Fil-fatt jirrizulta mill-investigazzjonijiet tas-Supritendent Alexandra Mamo li Chircop uza isem ta’ certa Antoinette Licari. Qal fl-istqarrija li hu vera kien jafha lil din Licari, pero mhux ghax din taghtu isimha jew kellha x’taqsam ma’ dan kollu. Fil-fatt zied illi l-firma li hemm fuq il-kambjali li ffirma a favur ta’ Sebastian Duca, iffirmahom hu, anke ghan-nom tal-mara tieghu, biex Duca jibqa’ jaghtieh ix-xoghol (vide dokumenti a folio 33, 34 u 35).

Xehdet ukoll certa Antoinette Licari li murija l-kambjali suriferiti DOK SD, SD1, u SD2, xehdet illi la l-firma fuq il-kambjala u lanqas il-firma fuq id-dokumenti ma hija taghha.

Xehed ukoll l-istess Sebastian Duca li kkonferma d-dokumenti msemmija u li Alexander Chircop ma kienx onora d-dejn li kien ikkontratta mieghu meta xtara x-xoghol minghandu, cioe’ minghand Casa Completa (folio 194).

Rat li aktar tard fil-mori ta’ din il-kawza, l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu – liema ammissjoni huwa ghazel li jikkonferma.

Illi fuq tali ammissjoni, il-Qorti laqghet it-talba li jigi redatt Pre-Sentencing Report. Ghalhekk aktar tard Marietta Lanzon, l-Ufficjal tal-Probation, ipprezentat id-debita Pre-Sentencing Report, a folio 221.

Harsa lejn l-istess rapport juri bic-car il-problemi, anke ta’ abbuz ta’ alcohol li bih hu afflitt l-imputat, u li huwa anke rrikorra ghall-ghajnuna ta’ l-Agenzija Sedqa.

Rat ukoll in-nota ta’ Alexander Chircop li maghha hemm annessa n-nota ta’ Sebastian Duca, dikjaranti r-rinunzja tieghu ghal dawn il-proceduri in vista’ li gie saldat id-dejn li Chircop kellu mieghu.

Illi tenut ta’ dan kollu premess, din il-Qorti qieghda ssib lil Alexander Chircop hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-Artikoli 183, 184, 167, 169, 308, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif ukoll il-fatt illi hu ssalda d-dejn li kellu ma’ Sebastian Duca, rat li anke qieghed jghin lilu nnifsu fil-problema li ghandu ta’ l-alcohol u qieghda ghaldaqstant tikkundannah ghal sentejn(2) habs sospizi ghal erba’(4) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------